**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 33**

**IT-TNEJN 25 ta' JANNAR 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU (wasal fis-5.45p.m.) |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER (wasal fis-6.15p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal fis-6.00p.m.) |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 32 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u s-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-ADT dwar it-talba biex titneħħa il-parti tal-one way fi Triq is-Sirk. Is-Segretarju wieġeb li għad ma waslitx risposta.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk sarx it-tindif fil-biċċa art fi Triq Żejni. Il-Viċi Sindku nforma li dawn ix-xogħlijiet għad ma sarux minħabba li għad ma saritx il-laqgħa fuq il-post mas-Sur Simon Cioffi mid-dipartiment tar-Riżorsi Umani. Din il-laqgħa ser issir fil-ġimgħat li ġejjien.

3. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' żebgħa bis-cement fil-kolonni ta' taħt il-mini fl-entratura tas-Swieqi. Il-Kunsiller ġie nfurmat li dawn ix-xogħlijiet ser jibdew fil-ġimgħat li ġejjin wara li jitlesta xi patching li għadhom pendenti.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux il-U bars quddiem il-bandli fi ġnien Sant' Andrea. Is-Segretarju nforma li dawn ġew ordnati u dalwaqt ser jitwaħħlu fil-post.

**5.** Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mingħand l-ADT dwar is-sistema ta' Park & Ride mill-Luxol ground. Is-Sindku nfurmat li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsill talab biex tintbagħat reminder.

**6.** Il-Kunsillier staqsa dwar il-Crane sorġut fi Triq it-Tiben. Is-Segretarju nforma li dan dejjem ħallas il-liċenzji dovuti.

**7.** Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-bankina quddiem il-kostruzzjoni li qed issir ħdejn Forex Ironmongery. Il-Viċi Sindku wieġeb li din saret.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

8. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta bil-miktub dwar il-konferma mill-Gvern Ċentrali li ser jagħmel tajjeb finanzjalment għat-22 triq li ser jinksew bit-tarmak fil-Madliena. Is-Sindku infurmat li konferma bil-miktub ma waslitx pero' fl-laqgħa li saret riċentament ma' l-Onor Chris Said, dan informa li malli joħorġu l-offerti u jiġi stabilit l-ammont tax-xogħlijiet, hu ser jgħaddi l-fondi kollha lill-Kunsill.

9. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill għandux konferma bil-miktub li l-fondi mill-UIF humiex ser jikkwalifikaw biex jintużaw għall-proġett tal-bini tal-Kunsill fi Triq il-Keffa. Is-Sindku wieġbet li fl-istess laqgħa li saret ma' Dr. Chris Said kien ikkonferma li hu jiggarantixxi li l-fondi ser jintużaw biss għall-proġett.

10. Il-Kunsillier staqsa wkoll jekk waslitx xi risposta mill-ADT għat-Talba li kienet saret dwar il-one way fi Triq il-Markiz J. Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier talab biex tintbagħat reminder.

11. Il-Kunsillier staqsa jekk id-dipartment ta' l-artijiet iffinalizżax id-devoluzzjoni tat-Tennis Court u il-Clubhouse. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta.

12. Il-Kunsillier staqsa jekk l-accountant tal-Kunsill iffirmax il-kuntratt bil-kundizzjonijiet 'il ġodda li sar qbil dwarhom fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju wieġeb li l-accountant jinsab imsiefer pero' diġa ġie nfurmat bil-kundizzjonijiet il godda. Il-Kuntratt ser jiġi ffirmat meta dan jirritorna mis-safar.

13. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill għandux xi konferma dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' culverts fil-lokalita'. Is-Sindku wieġbet li għad ma kelliex risposta mid-dipartiment dwar meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier rrimarka li t-talba lid-dipartiment kienet saret fit-2004.
Is-Sindku nfurmat li fl-laqgħa li kellha mall-Ministru George Pullicino, kienet ġiet infurmata li l-ispiża għal dawn ix-xogħlijiet hi wisq għolja u li dawn ma jistgħux isiru għalissa. Il-Kunsillier staqsa biex tinkiteb ittra oħra u terġa ssir t-talba għall-imsemmija xogħlijiet.

14. Il-Kunsillier staqsa jekk waslux il-minuti tal-laqgħa li kienet saret fl-Kastilja ma' Dr. Chris Said. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu għamel kuntatt mas-Segretarju ta' Dr. Said, s-Sur Mark Mizzi. Dan informa li ma kienux saru minuti għall-imsemmija laqgħa.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli........................)

15. Il-Kunsillier informa li fil-pjazza ta' quddiem il-BOV ta' sikwit qed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku filfatt ħafna sewwieqa qed jibbużaw mill-One way għaldaqstant hu talab sorveljanza mill-wardens aktar spissa.

**Mill-Viċi Sindku Joe Bonello**

16. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-double yellow lines ta' quddiem l-entratura tal-ġnien F.X. Ebejer ma tneħħewx peress li min informazzjoni li hu kellu dawn kienu saru minħabba sigurta'. (F' kas li xi tifel jew tifla joħorgu jiġru mill-ġnien għal got-Triq minn bejn il-karozzi ipparkjati.)

**Approvazzjoni ta' Estimi għas-Sena 2010 u pjan ta' ħidma 2010-2013.**

1. Ġie spjegat il-Budget fid-dettal. Dan ġie approvat. Ġie spjegat ukoll il-pjan ta' ħidma li kien jikkonċentra fuq il-bini amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Keffa. Dan ġie approvat. Il-Kunsillier Fava ippropona. Is-Sindku ssekondat.

**Approvazzjoni ta' Performance Bonus**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv irrikomanda full performace bonus ta' 6% lill-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill approva. Is-Sindku rrikomandat full performance bonus ta' 10% lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva unanimament.

**Approvazzjoni tal-Management account 2009**

1. Ġew ippreżentati l-Management accounts 2009. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Fava ppropona. Is-Sindku ssekondat.

**Laqgħa Pubblika tal-Lokalita'.**

1. Ġie deċiż li l-laqgħa pubblika tal-Lokalita' tas-Swieqi issir fil-lukanda Halland nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar 2010 filwaqt li l-laqgħa għar-residenti tal-Madliena ssir nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2010 f' Torre Paulina fis-7.00 ta' filgħaxija. Għal din il-laqgħa ser jkun preżenti l-Onorevoli Chris Said sabiex jispjega dwar ix-xogħlijiet ta' tarmak fit-22 triq fil-Madliena.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku reġgħet infurmat li fil-laqgħa li saret f' Kastilja ma Dr. Chris Said giet infurmata li malli d-dipartiment ikun infurmat bis-somma kollha tax-xogħlijiet ta' tarmak ta' 22 triq fil-Madliena dan ser jgħaddi l-flus kollha lill-Kunsill.

2. Is-Sindku ppreżentat programm ta' ħarġiet għall-anzjani li jkopri l-5 xhur minn Frar sa Ġunju 2010.

3. Is-Sindku nfurmat li reġa kellha diversi lmenti biex issir iż-żebra crossing ta' Triq l-Ibraġ fil-viċinanza tal-Lukanda Halland. Il-Kunsillier Fava irrimarka li l-istess bħalma kien qal meta din il-materja kienet ġiet imressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill fl-laqgħat preċedenti jiġifieri li hu ma jaqbilx li din għandha ssir għar-raġuni li l-parti ta' din it-Triq hija wisa u twila. Ikun faċli li min ikun irid jaqsam jista faċilment jara l-vetturi kollha li jkunu ġejjien kemm minn naħa tal-Mekkek kif ukoll minn naħa ta' isfel ta' Triq l-Ibrag. Għaldaqstant dan ikun jista' jaqsam mingħajr periklu. Il-Kunsill ideċieda li għandha tintalab stima tax-xogħlijiet involuti.

4. Is-Sindku nfurmat li l-bus shelter fin-naħa ta' fuq ta' Triq ta' l-Ibrag dalwaqt ser tinbidel diġa bdew ix-xogħlijiet fil-bankina u tlestit ir-rampa għal dawk li jużaw siġġu bir-roti.

5. Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport mill-Inġinier Curmi dwar l-offerti tal-panelli solari fuq il-bejt tal-Kunsill. Ir-rapport jistipula li ġew sottometti 5 offerti li huma:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Bajada International Solar Systen Ltd | €8,886.00 |
| 2. | Solar Solutions Ltd (Option 1) | €6,990.20 |
| 3. | Solar Solutions Ltd (Option 2) | €9,347.60 |
| 4. | Alberta Fire & Secretary Ltd | €8,216.40 |
| 5. | Alternative Technologies Ltd | €9,325.45 |

Ir-rapport jirrikomda l-aktar offerta vantaġuża. Dik ta' solar solutions bi kwotazzjoni ta' €6990.20.
Il-Kunsillier Shephard rrimarka li r-rapport għandu jkun aktar idettaljat kif ukoll li jispjega r-raġuni li ġiet magħżula din l-offerta.. Għaldaqstant il-Kunsill talab li jiġi ppreżentat rapport aktar iddetaljat kif ukoll li l-Viċi Sindku u l-kunsillier Shephard jiltaqgħu ma' l-Inġinier involut.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli.............)

6. Is-Sindku nfurmat b' korrispondenza mill-AKL dwr slot fuq it-TV ta' 20 minuta bi prezz ta' €200.00. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsill jekk japprovax dan il-programm. Il-Kunsill approva.

7. Is-Sindku ppreżentat korrispondenza mingħand il-Kumitat ta' l-ismijiet ta' toroq dwar 6 toroq li għad ma ingħatawx isem, Il-Kunsill idecieda kif ġej:

   Triq gdida fi Triq il-Giebja - Triq ir-Rampiel
   Triq gdida fi Triq is-Swieqi - Triq is-Sieqja
   Triq gdida fi Triq Tal-Franciz - Triq Tumas Fenech
   Triq gdida fi Triq il-Kwartin - Triq il-Gramma
   Triq gdida fi Triq is-Siegh - Triq Puddy Stubs
   Triq gdida fi Triq Esprit Barthet - Triq l-Arti
   Triq gdida fi Triq Josef Kalleya - Triq it-Tila.

8. Is-Sindku ssuġġeriet li l-ħaddiema ta' l-IPSL għandhom kull filgħodu iduru il-5 bring in sites u jirrapurtaw lill-Kunsill jekk dawn għandhomx il-bżonn li jitbatlu. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Il-Viċi Sindku Joe Bonello**

1. Il-Viċi Sindku spjega dwar l-offerta mid-dipartiment dwar ix-xogħlijiet ta' bankini fil-lokalita'. Hu staqsa biex isir kumitat sabiex jiddentifika liema bankini l-aktar li għandhom bżonn il-manutenzjoni. Il-Kunsillieri Shephard u Fava ħadu l-inkarigu li jkunu parti mill-Kumitat. Il-Viċi Sindku talab biex mill-aktar fis issir laqgħa biex jiġi infassal programm. L-offerta ta' dawn ix-xogħlijiet ġew spjegati fil-laqgħa preċedenti.

2. Il-Viċi Sindku nforma li sar ħafna patching fil-Madliena inkluz Triq il-Bir u Triq Markiż J. Scicluna.

3. Il-Viċi Sindku irraporta dwar laqgħa li kellu mas-Sur Tony Bajjada mill-WasteServ Department dwar l-iskips tal-Bringing Sites fil-lokalita'. (19 il skip).

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli............................)

**Il-Viċi Sindku Joe Bonello (jkompli........................)**

4. Il-Viċi Sindku spjega li qed issir kuntratt mall-Kunsilli kollha. Dan il-kuntratt jesiġi li l-Kunsill iħallas bħala depositu €50 kull skips. Dawn il-fondi jingħataw lura lill-Kunsill mat-terminu tal-Kuntratt jiġifieri fl-Lulju 2014. Dawn il-fondi jiġu rifonduti diment li ma jkunux saru xi ħlasijiet għal xi ħsarat li jistgħu isiru lill-iskips. Il-Kunsill se jitħallas €20 għall kull tunnellata Reċiklaġġ li jinġabar. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dan il-Kuntratt għandu jiġi ffirmat.

5. Il-Viċi Sindku rraporta li kellu laqgħa mas-Sindku ta' San Ġiljan dwar il-bollards li kellhom jiġu nstallati fil-viċinanza tal-Lukanda Intercontinental. Il-Viċi Sindku spjega li dawn il-bollards jistgħu ikunu ta' ostaklu għal dawk is-sewwieqa li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tal-bajja ta' San Ġiljan. Dawn joħolqu problemi għal dawk il-vetturi deħlin fil-carpark tal-lukanda.

**Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier ssuġġerixxa li għandha ssir tabella ta' direzzjoni li tindika – Triq is-Swieqi. Din tiġi nstallata fit-tegħla tal-Wied fid-direzzjoni tas-Swieqi.

2. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni li iż-żebra crossing fi Triq is-Swieqi mhux tiffunzjona. Hu talab biex din tiġi rrapurtata lill-kuntrattur.

3. Il-Kunsillier talab biex isir tindif fiż-żewġ widien – Wied Mejxu u Wied Għomor. Is-Sindku nfurmat li diġa saru kuntatti mas-Sur Charles Cesare mill-Ministeu tar-Riżorsi Umani.

4. Il-Kunsillier irraporta li fit-Triq il-Molletta qed issir kostruzzjoni li mhux koperta bis-safety boundary wall. Kull ma sar bħala sigurta' huwa li twaħħal materjal aħdar tal-plastic li faċilment persuna tista taqa' fuqu b' konsegwenza li tispiċċa żewġ sulari l-isfel. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jirraporta immedjatament lill-MEPA lis-Sur Pandolfino.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)

**Kunsillier Paul Fenech**

6. Il-Kunsillier irraporta dwar korrispondenza mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar għotja ta' 200 siġra biex jinżeraw fil-lokalita'. Hu ssuġerixxa li l-Kunsill għandu jieħu l-opportunita' minn din l-offerta. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju pero' tkun problema minħabba li fil-lokalita' ma hawnx open spaces fejn dawn jistgħu jinżergħu.

7. Il-Kunsillier irrimarka dwar ir-rotta proposta l-ġdida tat-Trasport Pubbliku. Hu ssuġġerixxa li fil-laqgħa li jmiss għandu jinħatar kumitat sabiex jiddentifika l-ħtiġijiet tal-lokalita'.

8. Il-Kunsillier irrefera għall-kostruzzjoni li qed issir fi Triq is-Sirk kantuniera ma Triq il-Ktajjen. Il-Kunsillier talab biex tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA saibex jiżguraw li din il-binja tkun koperta u skont il-kundizzjonijiet stipulati u approvati fil-permess oriġinali.

9. Il-Kunsillier irrefera għall-laqgħa li saret fil-jiem li għaddew ma l-Onorevoli Chris Said. Fost affarijiet oħra ġew diskussi il-possibilta' ta' spazzju għal pitch 7 a side., għat team il-ġdid tas-Swieqi. Dr. Said irrefera għal x spazji fil-lokalita' ta' Pembroke li faċilment il-Gvern jista' jutilizzahom f' piches għal futbol. Il-Kunsillier Fenech ħa l-inkarigu li jitkellem ma xi entitajiet f' Pembroke u anki iżur xi siti.
   Il-Kunsillier irraporta li hu għamel spezzjoni fil-lokalita' u rraporta li l-ispazji f' din il-lokalita' kollha mehuda u għaldaqstant ma hemmx lok ghal grawnd iehor.

*Il-Kunsillier A. Curmi ġie skużat mill-laqgħa. Ħin 9.00p.m.*

**Kunsillier Rene' Rossignaud**

10. Il-Kunsillier irrefera għall-laqgħa li kellu mar-resident minn Triq il-Keffa dwar storbju fis-siegħat bikrin ta' filgħodu minn studenti barranin li jkunu alloġjati f' Villa Kavalieri fi Triq il-Qasam. Ġie irrapurtat li dawn l-istudenti iżommu l-musika għolja ħafna u għaldaqstant saru rapporti kemm lis-sid kif ukoll lill-pulizija fl-għassa ta' San Ġiljan. Pero' bla riżultat. Il-Kunsillier issuġerixxa li ssir sorveljanza spissa mill-Pulizija minn 12.00 sal-5.00 ta' filgħodu.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)

**Kunsillier Rene' Rossignaud**

Ġie deċiż ukoll li għandha tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġi nfurmat b' dan aġir. L-ittra tiġi ikkupjata lill-Ministru Cristina u l-Ministru Mifsud Bonniċi. Il-Kunsillier issuġerixxa wkoll li għandha ssir laqgħa mall-Kummissarju li fiha jiġi spjegat il-problemi kollha tal-lokalita.

11. Il-Kunsillier irraporta li kellu lmenti mingħand l-ambaxxatur Spiteri, din il-persuna ilmentat dwar shade li riċentament weħel ma' l-istreet lighting ta' quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq is-Swieqi wara l-ġnien. Ir-resident sostna illi b' dan is-shade id-dawl ma baqax effettiv u għaldaqstant jista' jingħata lok għall-abbużi. Hu talab biex dan ix-shade jinqala'. Il-Kunsilli qabel.

*Il-Kunsillier Rene' Rossingaud ġie skużat mill-laqgħa. Ħin 9.15p.m.*

**Kunsillier Mario Fava**

12. Il-Kunsillier irrimarka li l-website tal-Kunsill mhux qed tkun aġġornata. L-Kunsillier Fenech ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-Kuntrattur.

13. Il-Kunsillier irrimarka li fi Triq il-Gogi hemm resident li għandu għalqa mad-dar u li go fiha qed jitfa' xi affarijiet bħal pereżempju injam u karru taż-żwiemel. Dan jista' jkun ta' periklu minħabba li faċilment xi ħadd jista jkollu aċċess minn fuqhom għal go xi djar fil-viċinanza. Il-Kunsillier talab biex isiru rapporti lill-MEPA.

14. Il-Kunsillier staqsa jekk sarx il-patching fi Triq is-Sagħtar. Il-Viċi Sindku spjega li dawn ix-xogħljiet se isiru f' qasir żmien.

15. Il-Kunsillier talab biex issir refreskar ta' marki tat-traffiku fi Triq is-Swieqi u Triq is-Sidra.

16. Il-Kunsillier issuggerixxa li għandu jsir studju dwar l-aktar toroq fil-lokalita' li għandhom bżonn li jinksew bit-tarmak minħabba l-istat ħażin tagħhom. Meta l-Kunsill ikollu fondi biżżejjed allura dawn ix-xogħlijiet jistgħu jibdew bi priorita. Il-Kunsill ideċieda li din il-materja tiġi diskussa fis-Seduta tal-Kunsill li jmiss.

17. Il-Kunsillier irrefera għal kwantita' tal-memos li l-Kunsill qed jirċievi mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Hu ssuġġerixxa li għandu jsir kumitat ad hoc biex jitratta dwar skemi imsemmija. Il-Kunsill ideċieda li jiddiskuti dan is-suġġett fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)

**Kunsillier Mario Fava**

18. Il-Kunsill irrefera għat-toroq ġodda li ser isiru fil-Madliena. Hu ssuġġerixxa li dawn għandhom jiġu mamra b' dawl solari; dan isir bħala pilot project.

19. Il-Kunsillier staqsa sabiex tinkiteb ittra kif ukoll issir pressjoni ma' l-ADT biex mill-aktar fis issir l-espropjazzjoni tal-biċċa art fil-parti id-dejqa ta' Triq Markiz J. Scicluna. B' din l-espropjazzjoni t-triq tkun tista titwessa u jispiċċa l-periklu li jeżisti.

20. Il-Kunsill irrefera għall-iskema fondi speċjali. Hu ssuġġerixxa li għandha ssir applikazzjoni għal fondi biex jiġu rranġati u restawrati l-kappella tal-Madliena w l-parti tal-Victoria Lines fil-konfini tagħna. B'hekk nippruvaw noħolqu heritage trail, minn Madliena Road, Madliena Chapel, Victoria lines fid-direzzjoni għall-Għargħur.

21. Il-Kunsillier issuġġerixxa wkoll li għandha ssir applikazzjoni għall-fondi speċjali biex jintużaw għal kampanja estensiva dwar il-bżonn tas-separazzjoni ta' skart u informazzjoni u edukazzjoni ambjentali li tinkludi ukoll tagħrif dwar l-użu ta' enerġija alternattiva. Dan ikun ta' investiment f' sistema ta' edukazzjoni biex b' hekk il-lokal jingħata upgrade ambjentali.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-imsemmija Memos 2, 3, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 19, 20, 21/2010 kif ukoll 86/2009. Din il-korrispondenza intbagħatet lill-Kunsillieri għall-kummenti tagħhom ferm żmien qabel il-laqgħa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni għall Memos:
   10 – Skema dwar progetti ta' Enerġija Alternattiva
   15 – Fondi Speċjali għall-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali
   21 – Skema ta' finanzjament għal restawrar ta' postijiet storiċi żgħar.

   Fir-rigward korrispondenza ta' liema huma dawk it-toroq fi stat ħażin li ser jinksew bit-tarmak mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill identifika.

   1. Triq is-Sirk
   2. Triq il-Qasam
   3. Triq il-Keffa.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (jkompli............)**

Il-Kunsillier Fava rrimarka li qabel ma jsiru xi xogħlijiet fl-imsemmija toroq irid isir cordination meeting ma' l-entitajiet ta' Enemalta, Drainage u WSC biex jekk jirriżulta il-bżonn li jinbidlu xi servizzi minn taħt l-art dawn isiru qabel ma jsir it-tarmac. Il-Kunsillier irrefera wkoll għal xi culverts li hemm bżonn isiru minħabba l-kwantita' ta' ilma li jinġabar kull meta tagħmel ix-xita. Importanti li jsir studju fil-fond biex il-problemi ta' għarrar f' dan it-toroq jiġu eliminati.

2. Ġiet ippreżentata korrispondenza mill-Uffiċċju ta' Dr. Simon Busutill MEP dwar EU Funding Information: PRE-Announcement of Call for project proposals under the European Regional Fund (ERDF). Dwar din il-korrispondenza, il-Kunsillier Fenech irrimarka li proġetti interessanti bħal dawn jistgħu ikunu ta' għajnuna kbira lill-Kunsill. Hu ssuġġerixxa li din il-proposta għandha tiġi miflija sew aktar il quddiem meta tiġi assenjata l-persuna mall-Kunsill imwegħda minn Dr. Said intiża f' applikazzjonijiet ta' Unjoni Ewropea.

3. Il-Kunsill ġie mitlub japprova l-adjudication bord ta' l-offerti ta' kisi bit-tarmak ta' 22 Triq fil-Madliena. Dawn huma:

| | |
|---|---|
| a. David Vassallo A & CE | ADT |
| b. Gordon Zammit A & CE | ADT |
| c. Dieter Falzon A & CE | Kunsill Lokali Swieqi |
| d. Carmen Said | Sindku Kunsill Lokali Swieqi |
| e. Joe Bonello | Viċi Sindku Kunsill Lokali Swieqi |
| f. Gordon Shephard | Kunsillier Kunsill Lokali Swieqi. |

Il-Kunsill approva l-persuni kollha imsemmija.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed jaslu diversi lmenti dwar t-tabelli ta' Time Parking fil-viċinanza tal-ħwienet fi Triq il-Qasam. Ir-residenti qed jitolbu li l-ħinjiet ma għandomx jinkludu lir-residenti taż-żona.

Il-Kunsill ideċieda li jiddiskuti dwar din il-materja fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**VI XIRI U AFFARIJIET OĦRA**

1. Il-pagamenti kollha li dheru fuq l-iskeda tal-pagamenti gew kollha approvati.

**Billi s-Sindku u l-Kunsilliera ma kellhomx aktar x' jiddiskutu is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-10.25p.m. u sar aggornament għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar 2010 fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**